# Dritt tal-bniedem x'inhu?

Sa mill-bidu ta’ ħajjitna, għaliex aħna bnedmin, hemm ċerti ħwejjeġ li l-gvernijiet tagħna obbligati jagħmluhom biex jgħinuna nwettqu l-potenzjal tagħna. Dawn l-aspettattivi u l-esiġenzi li għandna fir-rigward ta' gvernijietna nsejħulhom drittijiet tal-bniedem. Kulħadd għandu dawn id-drittijiet, kull raġel, kull mara, kull tifel u kull tifla.

Dan kollu kif jaħdem? Id-drittijiet ifissru li l-gvernijiet jeħtiġilhom:

- Jirrispettaw — jevitaw li jimponu limiti fuq xi ħwejjeġ li persuna tista’ tagħmel.
- Jipproteġu – jissalvagwardjaw kull persuna kontra l-abbuż.
- Jissodisfaw — jipprovdu l-kundizzjonijiet bażiċi biex persuna tkun tista' twettaq il-potenzjal tagħha.

L-istandards l-aktar bażiċi u minimi tad-drittijiet tal-bniedem ddiskutewhom u kitbuhom il-pajjiżi. Il-pajjiżi qablu li jimxu fuqhom. Dawn saru parti mil-liġi internazzjonali. Bħala eżempju ta' fejn insibu d-drittijiet tal-bniedem fil-liġijiet ta' pajjiżna stess, nistgħu nsemmu l-Kostituzzjoni.

Il-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem bażiċi hija waħda mill-għanijiet ewlenin tan-Nazzjonijiet Uniti. In-NU twettaq dan permezz tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tagħha madwar id-dinja. L-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem huwa responsabbli għat-tmexxija tal-programm tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem. Hemm ukoll kumitati ta’ esperti li jissorveljaw kemm il-pajjiżi jsarrfu fil-prattika l-wegħdiet li jagħmlu dwar id-drittijiet tal-bniedem. Teżisti wkoll assemblea ta’ pajjiżi li tissejjaħ il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, li tiddiskuti kwistjonijiet u sitwazzjonijiet differenti tad-drittijiet tal-bniedem minn kull rokna tad-dinja.

X’nista’ nagħmel? Kun af x’inhuma drittijietek. Tkixxef aktar dwar il-programm tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem. U xerred il-kelma.